# Storja tal-Każin tul il-125 Sena

Fl-1865, fl-Isla numru ta' nies iddeċidew li jiffurmaw Banda, u jsejħulha bl-isem ta 'La Sengle'. Din il-banda kienet taħt id-direzzjoni tas-Surmast Tomaso Galea u l-ewwel darba li dehret fil-pubbliku kien fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fejn daqqet marċi funebri li l-kompożitur tagħhom kien l-istess surmast li kien id-direttur ta' l-istess banda.

Il-Con. S. Schembri kien il-patrun u benefattur kbir ta' din il-Banda. Skond ġurnali ta' dak iż-żmien il- Con. Salomi għamel minn kollox saħansitra anke' ssagrifika ruħu personalment biex din il-Banda ma ssofrix mill-għira u mill-injoranza. Dan juri biċ-ċar li f'dawk iż-żminijiet jiġifieri fl-1871 kienet teżisti Banda oħra bl-isem ta' 'La Vincitrice'. Bejniethom, ma setgħetx ma tinħoloqx il-pika. Din il-banda ( La Vincitrice ) kienet il-Queen's Own ta' llum u d-direttur tagħha kien is-Surmast Karmelo Abela Scolaro. Dak iż-żmien Mro. Abela Scolaro kien beda jagħti l-lezzjonijiet tal-mużika lil numru konsiderevoli ta' żgħażagħ. Bil-mod il-mod n-numru ta' bandisti li kienu jiffurmaw il-banda 'La Sengle' beda jonqos. Dan ġara għar-raġuni li ħafna mill-bandisti kienu sabu xogħol bħala bandisti fir-'Royal Navy'.

Skond il-'Corriere Mercantile Maltese' tas-7 ta' Diċembru 1874 , il-banda 'La Vincitrice' taħt id-direzzjoni ta' l-ewwel Surmast tagħha kienet ittella' programmi mużikali fi Pjazza Reġina fil-Belt Valletta. Dawk li kienu jiffrekwentaw dan il-post kienu jieħdu gost u kellhom kliem ta' tifħir għall-kunċerti mtellgħin tant tajjeb minn din il-Banda.

Biex dejjem jiġi evitat l-inkwiet bejn il-partitarji taż-żewġ baned imsemmija, il-Pulizija qatt ma kienet tat permess lil Banda 'La Vincitrice' li kienet l-aħħar banda iffurmata li teżegwixxi Programm Mużikali ġewwa beltna. Wara ħafna rappreżentazzjonijiet quddiem l-awtoritajiet konċernati ħarġu l-permessi meħtieġa sabiex il-Banda 'La Vincitrice' teżegwixxi programm mużikali fi Strada Vittorja. Dan il-programm kien eżegwit fis-6 ta' Jannar 1874, u din kienet l-ewwel okkażżjoni li l-Banda 'La Vincitrice' kellha Programm Mużikali ġewwa l-Isla. Kien programm eżegwit bl-akbar suċċess quddiem folla kbira li ġiet mit-tlett ibliet tal-Kottonera. Kollox kien mar tajjeb u minn dak iż-żmien qatt ma ġew irrappurtati nċidenti bejn iż-żewġ baned.

Fit- 26 ta' Ġunju, 1875, il-Banda għamlet vjaġġ għal Catania fuq il-vapur 'Slatulur Gort' u rritornat lura Malta fil-lejl ta' l-Imnarja. Din kienet l-ewwel darba li banda Maltija ħalliet ix-xtut tagħna sabiex teżegwixxi programm barra l-pajjiż. Wara dan il-vjaġġ il-Banda żammet diversi programmi barra minn Malta fosthom f' Noto, Florida u Siracusa. Ma setax jonqos li minn dawn il-pajjiżi il-Banda ma ġġibx magħha standardi bħala rikordju ta' l-okkażjoni. Jiddispjaċini ninnota li dawn it-tifkiriet intilfu flimkien mal-każin matul l-aħħar Gwerra Dinija tal-1939 -1945 meta l-bini tal-każin iġġarraf bil-bombi ta' l-għadu.

F'Diċembru ta' l-1876, il-Banda 'La Vincitrice' kienet l-ewwel Banda li ħarġet iddoqq marċi funebri f'wieħed mill-funerali ta' bandisti.

Meta ż-żewġ Baned ta' l-Isla kienu għadhom fl-ewwel snin tagħhom, fil-Banda 'La Vincitrice' kien miet wieħed mill-bandisti tagħha. Kien jismu Salvatore Borġ.

Il-Banda allura talbet permess biex isir funeral bil-marċi funebri mill-Isla saċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata f'tal-Ħoss ta' Raħal il-Ġdid. Għall-ewwel ma ngħatax permess imma wara bl-għajnuna ta' l-Ispettur Robby Bonello dan ingħata. Il-funeral, telaq mill-Isla mill-knisja kolleġġjata tal-Vittorja u l-akkompanjament bil-Banda 'La Vincitrice' baqa' sejjer bil-mixi saċ-ċimiterju ta' l-Addolorata. Għal dan il-funeral li kien l-ewwel wieħed ta' din ix-xorta li sar f'Malta inġabru ħafna nies u ħadu sehem ukoll diversi membri ta' għaqdiet oħra. Wara l-awtorita' għoġbitha din il-ħaġa. Kien ġie mfaħħar ħafna u l-ġurnali nkuraġġew l-ideja ta' funerali għal membri li bdiet tkun applikata mill-baned ta' dawk iż-żminijiet. pero', din ta' l-isla saċ-ċimiterju kien każ speċjali.

( Ref. Il-Ġurnal Risorgimento tat-28 ta' Diċembru 1876 )

Dik il-ħabta, is-sede tas-Soċjeta' u l-Banda kien fid-dar il-kbira fi Strada Vittorja kantuniera ma' Strada San Giuliano. Mis-sena 1897, reġa' kien hemm il-permess li ddoqq banda fil-purċissjoni tal-Ġimgħa

l-Kbira. Fil-fatt, fl-1898, il-Banda 'La Vincitrice' kienet tieħu sehem fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ta' l-Isla. Dan jidher ċar mir-reġistru "Esito Confraternita SS. Crocifisso e Carita:-1879 - 1903" fejn jidher li l-Banda 'La Vincitrice' kienet ħadet sehem fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira u tħallset is-somma ta' Lm3.10 sod.

Fit-22 ta' Diċembru, 1901, il-Banda 'La Vincitrice' ħadet sehem fl-akbar festa taż-żmien l-episkopat Salvatore Gaffiero. Bħala Senglean hu kien għażel biex jiċċelebra il-ġublew tad-deheb tas-saċerdozju tiegħu. Wara l-quddiesa il-Banda wasslet lill-Isqof Gaffiero u lill-Arċisqof Pace wieħed mill-mistednin distinti għal din il-festa mill-kolleġġjata ta' San Filippu. Wara nofs in-nhar saret akkademja f'ġieh Gaffiero fil-każin tal-banda.

Din il-Banda kienet takkumpanja lil Savona. Fl-1903, Benefattur ħa ħsieb li jsir standard għal dan iċ-ċirklu, l-ispejjeż biex isir dan l-istandard Malti kienu nġabru permezz ta' ġabra fost il-poplu Malti u kulħadd kien ikkontribwixxa sold għal dawn l-ispejjeż. It-tberik ta' dan l-istandard kien ser isir mill-Isqof Gaffiero fil-knisja ta' San Ġiljan. Ġie mistieden il-Kapitlu ta' l-Isla għaċ-ċerimonja. Il-Kanonċi laqgħu l-istedina, imma lmentaw għaliex stennew li ċ-ċerimonja ssir fil-Kolleġġjata u mhux f'San Ġiljan.

Is-sena 1903 hi waħda storika għall-banda għax minn 'La Vincitrice', ħadet l-isem ta' "Queen's Own". Kollox juri li l-isem hu f'ġieh ir-Reġina Alexandra, mart ir-Re Dwardu VII ta' l-Ingilterra. Dan l-isem ġie mogħti fl-okkażżjoni tal-visita uffiċjali tar-Re Dwardu u r-Reġina Alexandra fi gżiritna fis-16 t' April 1903.

Din il-Banda kienet inawgurata mill-president tagħha ta' dak iżmien Sir Ferdinando Inglott Senglean li għamel diskors ta' l-okkażżjoni. Il-membri tagħha irċevew il-barka minn Rev. Kan. Prim. F. Marengo.

Fl-istess żmien fl-Isla kien hemm mużiċista magħruf. Dan kien is-surmast Gaetano Grech. Kien jissejjaħ professur tal-mużika minħabba il-bosta kompożizzjonjiet tiegħu. Kien direttur ta' ħafna

baned u il-Banda 'La Vincitrice' kienet fost il-baned li mexxa. Fl-1904, meta kellu qrib 50 sena, fl-Isla saritlu festa fiċ-circolo 'La Senglea' bħala wieħed li għamel ġieh lil din il-Belt.

Waħda mill-ewwel festi tal-każin "Queen's Own" minn mindu ħa dan l-isem kienet fis-17 ta' Lulju 1904. Għall-okkażjoni kien hemm mistednin żewġ Isqfijiet li kienu Mons. Blandini u Mons. Gaffiero. Għall-festa li saret fil-każin issellef żewġ pultruni miksijin bil-bellus mill-Kolleġġjata.

Ir-Reġina Alexandra baqgħet grata għall-fatt li din il-Banda ta' l-Isla ssemmiet għaliha. Għalhekk, fl-1906 hi rregalat standard lil din il-Banda. Iċ-ċerimonja tad-donazzjoni saret is-Sibt, 24 ta' Frar, 1906. Il-Gvernatur, Sir Charles Mansfield Clorke, f'ċerimonja quddiem il-każin, ippreżenta dak l-istandard f'isem ir-Reġina Alexandra lill-president tal-Każin. B'rispett lejn ir-Reġina kien hemm preżenti l-Kanonċi wkoll għal din iċ-ċerimonja.

Fost is-servizzi li kienet tiġi mitluba tagħmel il-Banda nsibu li fl-1908 il-Banda "Queen's Own" ġiet mitluba sabiex tieħu parti waqt fiera speċjali li saret ġewwa l-Argotti u li kienet organizzata mis-soċjeta Filarmonika "La Vallette". Din il-fiera kienet sabiex ikunu jistgħu jinġabru fondi għas-Soċjeta' "Mutuo Soccorso" u bħala kommemorazzjoni tal-kompetizzjoni li kienet inżammet ġewwa Bona.

Bejn it-22 u 27 t' April tas-sena 1913 ġie organizzat f'Malta l-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali. Il-Kardinal Legat Domenico Ferrata li mexxa dan il-Kungress daħal fil-Port il-Kbir fuq il-vapur 'Hurrar'. Mill-ponta ta' l-Isla ġew sparati 21 murtali ta' salut. Il-poplu ta' l-Isla kien miġbur il-Ponta fejn kulħadd kien ixejjer kpiepel, imkatar u bnadar. Il-Banda "Queen's Own" daqqet id-dwana biex tilqa' lill-Kardinal. Hu bierek standard tal-Papa. Wara daħal każin tal-Banda.

Il-Ħadd, 23 ta' Mejju, 1920 saret funzjoni fil-Bażilika fejn fiha nqara d-digriet ta' l-inkurunazzjoni ta' l-istatwa ta' Marija Bambina. Wara l-

funzjoni saru marċi brijjużi mat-toroq ta' l-Isla mill-Banda " Queen's Own" fost l-entużjażmu u delizzju ta' ferħ.

Fit- 3 ta' Settembru 1921, fit-tmienja ta' fil-għaxija sar it-trasport tal-Kuruna tad-deheb li kienet se titqiegħed fuq ras il-Bambina. Il-Banda "Queen's Own" ħadet parti f'din id-dimostrazzjoni Solenni fost il-ferħ u l-brijju tal-Poplu Senglean. F'dik id-dimostrazzjoni kien hemm statwa li saret għall-okkażżjoni. Kienet turi l-Arċisqof Caruana għarkubbtejh quddiem il-Papa Benedittu XV qed jirċievi r-reskritt ta' l-inkurunazzjoni.

Fil-5 ta' Settembru 1921, saret ukoll festa fuq il-baħar li kienu jsejħulha 'alla Venezjana'. Il-Banda "Queen's Own" ta' l-Isla għamlet programm minn fuq lanċa.

Fis-6 ta' Settembru 1921, fil-Każin tal-Banda "Queen's Own" ġie ppreżentat rigal mill-Perit Indri Vassallo bħala apprezzament għax-xogħol li kien wettaq fil-bini tat-tribuna minflok l-altar maġġur tal-Bażilika.

F'Jannar ta' l-1927, il-kumitat tal-Banda "Queen's Own" għamel festin f'ġieh Mons. Ġużeppi Adami fl-okkażżjoni tal-ħatra tiegħu bħala Monsinjur u b'ringrazzjament għall-ħidma li wettaq fl-Isla tul it-18-il sena li dam imexxi l-Parroċċa ta' l-Isla fosthom il-kollaborazzjoni sħiħa ma' dawk li ħadmu biex il-Kolleġġjata ssir Bażilika u biex Marija Bambina tiġi nkunurata. Il-Kapitlu, mhux biss laqa' l-invit imma kien ikkumpanja lil Adami mill-Bażilika sal-każin tal-Banda.

Fl-24 ta' Diċembru, 1939 kien sar l-aħħar programm tal-banda "Queen's Own" għal okkażżjoni tal-Milied, qabel niżlet fuq beltna l-burraxka l-kbira ta' l-attakki tal-għadu. Il-programm sar fi Strada Vittorja quddiem il-Każin fejn hu illum. Sar fuq il-planċier il-baxx u ġie esegwit kif deher fil-ħarġa tal-"Leħen is-Sewwa" tat- 23 ta' Diċembru, 1939.

PROGRAMM MUŻIKALI
MILL-BANDA 'QUEEN'S OWN'

Il-Banda Filarmonika "Queen's Own" ta' l-Isla sejra tesegwixxi dan il-programm mużikali fi Strada Vittorja, l-Isla mill-5:30 p.m. il-quddiem, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Amt. Muscat Azzopardi A. Mus.L.C.M.:-
MARCIA OMAGGIO A GIO BATTA CESARE Muscat Azzopardi

INNU TAL-PAPA

| | |
|---|---|
| SINFONIA "Le Prex Aux Cleres" | Herold |
| Xena u Duett "Rigoletto" | Verdi |
| Fantasia "Boheme" | Puccini |
| Marcia Sinfonica | Meyerbeer |

Marseilles

God Save the King

Kif naraw mill-programm qabel indaqq il-"God Save" indaqq l-Innu Nazzjonali Franċiż "LA MARSEILLES". Ir-raġuni kienet li Franza kienet pajjiż alleat tagħna fil-gwerra. Il-Gwerra kienet ilha li bdiet erba' xhur u dik il-ħabta l-gwerra kienet qiegħda ssir fuq il-fronti ta' Franza u fuq l-ibħra.

F'April ta' l-1940, il-Banda "Queen's Own" kienet waħda fost l-għaqdiet li għamlu festuni f'ġieh Dun Manwel Brincat fl-okkażżjoni tal-ħatra tiegħu bħala Arċipriet ta' l-Isla.

Fil-bidu ta' Ġunju 1940, il-Każin tal-Banda "Queen's Own" laqa' fih l-Aġent Gvernatur waqt żjara li għamel fl-Isla wara li ġie milqugħ mill-Kapitlu fl-awla kapitulari. F'waħda mill-ġranet tal-festi tal-Milied ta' l-1940, ħafna kienu dawk li flimkien ma' l-Arċipriet Brincat, iltaqgħu fil-każin tal-Banda "Queen's Own" u awguraw lil xulxin li ma jdumux ma jaslu żminijiet aħjar.

F'April tal-1942, il-każin tal-Banda ġie mġarraf bil-bombi tal-għadu, fih kien intilef kollox, l-arkivju tal-każin, strumenti, apparat u wisq u

wisq affarijiet ta' preġju, kemm għall-istorja tal-mużika f'Malta, kif ukoll għall-istorja ta' l-Isla.

Il-Banda "Queen's Own" insibuha tieħu sehem fost baned oħra fil-festa li saret fit-8 ta' Settembru 1943 f'ġieh ommna Marija Bambina. Il-baned li ħadu sehem dak inhar kienu De Paule ta' Raħal Ġdid , "Beland" taż-Żejtun u Maria Mater Gratiae ta' Ħaż-Żabbar.

Il-Festa u l-purċissjoni saru fost il-ħerba u t-tifrik tal-gwerra. Propju meta il-Bambina waslet ix-xatt, l-Ammiral supretendent tat-Tarzna wassal nota lill-Arċipriet Brincat biex infurmah li l-Italja propju f'dik il-ġurnata tat-8 ta' Settembru, ċediet mingħajr ebda kundizzjoni.

Fis-snin 1945 u 1946, il-każin Mużikali "Queen's Own" ta l-appoġġ sħiħ tiegħu lill-Kapitolu fit-trattativi li kellu mal-Gvernatur Sciberras dwar ir-rikostruzzjoni tal-Bażilika u tal-belt ta' l-Isla.

Fl-1958, bl-inizjattiva tal-Banda "Queen's Own" ġie ffurmat fl-Isla l-kumitat Ċiviku biex ikun hemm grupp ta' nies li jieħdu nteress F'DAK LI HU MEĦTIEĠ GĦAL DIN IL-BELT.

Fis-6 ta' Settembru, 1971, waqt id-dimostrazzjoni bl-istatwa ta' Malta il-Banda "Queen's Own" ta' l-Isla daqqet flimkien mal-Banda "Duke Edinburgh" tal-Birgu u l-Banda "San George" ta' Bormla. Din kienet l-ewwel darba fl-istorja li t-tliet Baned tal-Cottonera daqqew flimkien. Fl-4 ta' Settembru, 1971, il-Kardinal Jacomo Sercaro, il-Kardinal li poġġa l-warda tad-deheb f'riġlejn Marija Bambina f'għeluq il-ħamsin sena mill-inkurunazzjoni tagħha, wara li kixef żewġ lapidi kommemorattivi fl-intrata tal-Każin li jfakkru għeluq il-mitt sena mit-twaqqif ta' din is-Soċjeta, bierek galjardett bl-istemma tiegħu u tah lil Joseph Grixti il-president tal-Banda "Queen's Own".

Is-Sibt, 5 t' April, 1986, il-Banda Queen's Own ħadet sehem fil-korteo funebri li sar lill-Arċipriet Ġwann Sladden mill-knisja ta' San Filippu sal-Kolleġġjata.

Fis-27 t' Ottubru, 1985, il-Banda "Queen's Own" ħadet sehem fil-pussess ta' l-Arċipriet Dun Vinċenz Cachia billi wasslet lill-Arċipriet Dun Vinċenz Cachia mill-kolleġġjata sas-sede ta' l-Azzjoni Kattolika.

Fis-26 ta' Mejju, 1990, il-Banda "Queen's Own" laqgħet lill-Papa Ġwanni Pawlu II fix-xatt ta' l-Isla. Din kienet l-ewwel darba fl-istorja li Papa ġie Malta u rifes u bierek lil din il-Belt.

Fil- 5 ta' Settembru, 1991, il-Banda "Queen's Own" ħadet sehem fl-okkażżjoni tal-kxif ta' Monument b'tifkira tal-Vittmi Sengleani li mietu fl-aħħar Gwerra Dinija 1939 -1945. Dan sar billi għamlet marċ mat-toroq ewlenin ta' l-Isla, ħadet sehem fil-programm tal-kxif billi daqqet biċċiet ta' mużika għall-okkażżjoni u wara akkompanjat lill-mistednin distinti fosthom il-President ta' Malta, il-Prim Ministru u l-Arċipriet sa l-iskola fejn sar riċeviment ta' l-okkażżjoni.

| | |
|---|---|
| Innu lil Maria Bambina | F. Falzon |
| Barellos | Brian Cassar |
| Il-Kumitat | Michael Bugelli |
| Lariana | F. Pellegrino |
| Zorro | A. Aquilina |
| Glorious City | P. Schembri |
| Ourasi | S. Spiteri |
| Granada | V. Ciappara |
| Queen of Queen's | A. Coleiro |
| 75 Anniversarju | A. Coleiro |
| Dilettanti Armar l-Isla | A. Coleiro |
| Marie Rosalie | R. Fenech |
| Joyal | A. Callus |
| Pablito | A. Mizzi |
| 125 Sena Banda | S. Portelli |
| The King | A. Mizzi |
| Innu ta' l-Inkurunazzjoni | G. Caruana |
| Innu Queen's Own | Brian Cassar |

Dawn huma l-Marċi li ser jindaqqu mill-Banda Ċittadina "Queen's Own" f'dawn il-festi 1996